MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 544/2002

**Rikors numru 544/02DM**

**Uskin Limited**

**Vs**

**Goliath Developments Limited**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' erbgha telef disa mija u sbatax-il lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm4917.81) liema ammont hu dovut bhala bilanc lill-atturi wara ghemil u bejgh ta' bibien ta' garages.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra bonarja tal-11 ta' Settembru 2002 u tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru

pprezentati kontestwalment mal-avviz bl-imghaxijiiet bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lil Mark Darmanin ghal kumpanija attrici u rat id-dokumenti esibiti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz huma jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ erbgha telef disa mija u sbatax-il lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm4917.81) bl-imghaxijiet legali b’effett mill-11 ta’ Frar 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

--------------------------------TMIEM--------------------------------